Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xewkija

IT-TMIEN LEĠISLATURA

22 ta' Novembru 2023

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fi Triq Santa Katerina, Xewkija, Għawdex. Il-laqgħa bdiet fl-4.08 ta' wara nofsinhar.

---

PREŻENTI:

Hubert Saliba - Sindku

Domenic Zerafa - Kunsillier

Jeanelle Attard - Kunsilliera

ASSENTI B'APOLOĠIJI(skond Ordni Permanenti 14A (3)):

Paul Azzopardi- Viċi Sindku

Johnny Vella - Kunsillier

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marion Attard - Segretarju Eżekuttiv

HS MA

**62.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija**

62.1.1 Ma kienx hemm ittri t'apoloġija.

**62.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

60.2.1 Il-minuti tal-laqgħa Nru 60 u Nru 61 kienu mibgħuta qabel il-laqgħa. Dawn ittieħdu bħal moqrija. Dawn ġew approvati unanimament u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju rrispetivament.

**62.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

62.3.1 Is-Sindku rreferra għall-Jum Ix-Xewkija. Is-Sindku wera x-xewqa li jingħata rikonoxximent lill-familjari tal-mibki Wistin Dingli , l-ewwel Sindku tax-Xewkija għall-ħidma tiegħu. Is-Sindku rreferra għan-numru ta' ilmenti li rċieva minn diversi residenti minħabba l-fatt li din is-sena s-serata kienet ser isir fost il-ġimgħa u mhux is-Sibt.

62.3.2 Is-Sindku kkomunika mal-membri tal-Kunsill li kellu laqgħa fuq is-sit mal-Perit Edward Scerri kif ukoll mal-Inġinier Charlon Grima fuq il-proġett ta' Blankas biex jiddiskuttu l-andament tax-xogħol u eventwalment ikunu jistgħu joħorġu t-tenders.

62.3.3 Is-Sindku rreferra għall-PQ fuq it-tindif tal-ġibjun li l-Kunsill kien irċieva u ried jagħti risposta sal-Gimgħa 24 ta' Novembru 2023. Is-Sindku spjega li waqt li l-ġibjun kien tbattal minħabba li għamlet ix-xita ma kienx laħaq sar ix-xogħol biex tinġibed il-ħamla. Is-Sindku spjega li l-ġibjun ilu hemm 150 sena u qatt ma nħasset il-ħtieġa li dan jitnaddaf. Il-Kunsill iddiskutta u qabel li x-xogħol kellu jitkompla u jkun skedat wara x-xhur tax-xitwa fuq suġġeriment tal-Kunsillier Domenic Zerafa. L-istima ta' dan ix-xogħol tammonta għal €5,000. Il-Kunsill unanimament qabel li tintbagħat talba lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża l-Enerġija fejn isir talba għall-kollaborazzjoni f'din l-ispiża waqt li ssir anke talba biex isir manutenzjoni fuq il-ġibjun li hemm fi Triq Il-Ħamrija

Il-Kunsilliera Jeanelle Attard talbet li ssir laqgħa mal-Perit Shawn Micallef fuq il-Proġett tal-Learning Hub biex il-Kunsill jkollu update fuq dak li kien baqa' biex ikunu jistgħu joħorġu.

**62.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

62.4.1 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard rrefferriet għad-diversi suġġerimenti li kellha minn diversi residenti biex isir playhouse fil-playingfield tal-Ħamrija. Il-Kunsill iddiskutta waqt li ġie diskuss il-fatt li l-playhouse kienet maħsuba għall-playingfield ta' Ġokk u mhux għall-Playingfield tal-Ħamrija. Is-Sindku talab li ssir laqgħa mal-Perit biex naraw il-possibilta' li ssir playhouse waqt li elenka li hu jippreferri li l-flus jintafqgħu fuq il-landscaping.

PS MC

62.4.2 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet jekk kinux tnaddfu l-panelli fuq il-Kunsill l-antik. Is-Segretarju spjegat li kienu tnaddfu bix-xita u kienet ħadet nota biex dawn jitnaddfu minn żmien għal żmien.

62.4.3 Il-Kunsillier Domenic Zerafa rreferra għall-isleeping police fi Triq San Anard li kienet għadha ma saritx. Is-Sindku talab lis-Segretarju biex tibgħat talba lill-Ministru t'Għawdex biex din isir min-naħa tagħhom.

62.4.4 Il-Kunsillier Domenic Zerafa staqsa rigward meta kien ser jinxtegħel id-dwal fil-playingfield tal-Ħamrija. Is-Sindku spjega li hu kien ilu ġimgħat jiġri wara l-kuntrattur biex dan ikompli x-xogħol li kien fadal.

62.4.5 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet rigward jekk kienx ser isir il-football tournament li ta' kull sena kien isir b'rabta ma' Jum Ix-Xewkija. Is-Sindku wieġeb li sad-data tal-laqgħa ma kienet intbagħtet l-ebda talba min-nursery tal-football. Il-Kunsilliera Attard talbet li l-Kunsill jibda jaħseb li jtella' attivitajiet sportivi oħra apparti l-futbol tournament biex b'hekk ikunu jistgħu jintlaħqu ħafna aktar tfal li jkunu jistgħu jipparteċipaw anke b'abbiltajiet differenti.

62.4.6 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard ġibdet l-attenzjoni fuq antenna li ġiet installata fuq residenza fi Triq Tal-Gidi. Il-Kunsill iddiskuta li l-Kunsill kellu jibgħat email lil rappreżentant mill-ERA biex jara ftit x'inhi l-proċedura biex tiġi installata.

## 62.5 Milied 2023

62.5.1 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard irreferriet għal-laqgħa li attendiet fuq il-Christmas in the Squara fil-preżenza tal-Arċipriet u rappreżentanti mill-Kumitat Ċentrali fejn kienet ġiet diskussa l-idea tal-Arċipriet li jkun hemm żewġ programmi t'attivitajiet. L-iskop kien li jkun hemm aktar inċentivi u attivitajiet li jiġbdu l-pubbliku inġenerali pero' enfassisat il-fatt li hi ma xtaqiex li jkun hemm spejjeż addizzjonali.

Il-Kunsill iddiskuta li l-lista tal-ispejjeż kienet ġa intbagħtet u ġiet ikkonfermata mid-Dipartiment. Il-Kunsill unanimament qabel li l-ispejjeż ta' dawn l-attivitajiet li ġew diskussi waqt il-laqgħa li għaliha kienet preżenti Jeanelle Attard ma jitħallsux mill-Kunsill.

62.5.2 Il-Kunsill iddiskuta li l-ikla għall-anzjani kellha ssir nhar it-Tlieta 12 ta' Diċembru l-Cornucopia, ix-Xagħra. L-attivita' kellha tibda b'quddiesa, tombla u b'ikla b'dawk li jattendu jħallsu €20.

62.5.3 B'referenza għall-attivita' mmirata għat-tfal, il-Kunsill qabel li kellha ssir mawra bit-train u wara film fis-Citadel Cinema. Din l-attivita' kellha tkun mingħajr ħlas għat-tfal tal-primarja. Din l-attivita' kellha titella' wara l-ewwel tas-sena.

18 ma

62.5.4 Is-segretarju rreferriet għat-talba mill-kap tal-iskola primarja għall-attivita' fi żmien il-Milied biex isir ħarġa bit-train għall-istudenit kollha. Il-Kunsill unanimament qabel li l-Kunsill għandu jikkolaborra għal din l-attivita'.

62.5.5 Il-Kunsill qabel li l-ikla tal-istaff kellha ssir wara l-ewwel tas-sena filgħaxija. Il-post u l-ġurnata ma ġewx deċiża.

## 62.6 Karnival

62.6.1 Il-Kunsill iddiskuta li l-Karnival fix-Xewkija kellu jsir simili għal dak tas-snin preċedenti il-Ħadd 11 ta' Frar filgħodu wara li niċċekjaw dwar il-possibilta' li dan jitella' s-Sibt filgħodu. Il-programm kellu jinkludi żfin varjat, maskaruni u karrijiet.

## 62.7 Rapport ta' kull kwart- Lulju sa Settembru 2023

*L-accountant Daniel Galea daħal fil-kamra tal-Kunsill.*

62.7.1 L-accountant ippreżenta r-rapport ta' kull kwart fuq il-mejda tal-Kunsill waqt li spjega l-qagħda finanzjarja tal-Kunsill. L-accountant elenka li l-ħruġ kien naqas sew fit-tielet kwart u dan jirrifletti tajjeb ħafna.

## 62.8 Ħatra tal-Bord tal-Evalwazzjoni- Kwotazzjoni Supply & Installation oa Perimeter Fence

62.8.1 Kunsill qabel li fuq il-bord tal-evalwazzjoni ta' dan it-tender joqogħdu bħala evalwaturi l-accountant Daniel Galea, l-Inġinier Mario Cauchi u lil William Sultana bħala evalwaturi.

## 62.9 Korrispondenza u Ilmenti

62.9.1 18/10/2023 Korrispondenza mis-Sur Joseph Vella fuq il-'Christmas Market' u Jum ix-Xewkija.

62.9.2 19/10/2023 Cir AKL 2023/090_Tnedija tad-Dokument "Walkability and Accessibility" 02/11/2023.

62.9.3 19/10/2023 Il-Korrispondenza dwar l-Istedina għall-Konċelebrazzjoni Pontifikali ta' Jum il-Festa ta' Sant'Ursola Patruna ta' Għawdex il-Ħadd 22 ta' Ottubru, 2023.

62.9.4 21/10/2023 Korrispondenza mingħand il-Kunsilliera Jeanelle Attard fuq l-għażla tan-nominati ta' Jum ix-Xewkija.

JS mc

62.9.5 23/10/2023 Korrispondenza mingħand Markus Micallef dwar 'The Pride of Gozo Awards' 2023 – Rotary Club of Gozo.

62.9.6 30/10/2023 Korrispondenza mingħand is-Sur Noel Formoza dwar Wirt Intanġibli.

62.9.7 07/11/2023 Request to use Ta' Blankas for a one night camping in November – Girl Guides & Scouts. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard u Paul Azzopardi qablu ma dan.

62.9.8 02/11/2023 Korrispondenza mingħand Jeanellle dwar ir-rigal għat-tfal tal-Milied.

62.9.9 03/11/2023 Cir AKL 2023/095_Mixja President u Xiri ta' T-Shirts.

62.9.10 03/11/2023 Korrispondenza mingħand il-Kunsilliera Jeanelle Attard pproponiet li ssir attività għat-tfal u żgħażagħ għal Jum ix-Xewkija.

62.9.11 09/11/2023 In-Naħla Maltija Insett Nazzjonali.

62.9.12 09/11/2023 Cir AKL 2023/099_Sump Consultation Meetings.

62.9.13 13/11/2023 Gozo Christmas Lunch 17/12/2023.

62.9.14 14/11/2023 Korrispondenza lil Kunsilliera Jeanelle Attard fuq Christmas Market mingħand is-Segretarja Ezekuttiva, b'risposta ta' korrispondenza li il-Kunsilliera Ms. Jeanelle Attard bagħtet lis-Segretarja Ezekuttiva.

62.9.15 14/11/2023 Risposta mingħand il-Kunsilliera Jeanelle fuq il-Christmas Market.

62.9.16 15/11/2023 Agenda 62 Laqgħa tal-Kunsill.

62.9.17 17/11/2023 Korrispondenza mingħand Għaqda Milied fejn talbu għajnuna għall-Wirja u kompetizzjonijiet li ser jorganizzaw fi żmien il-Milied.

62.9.18 21/11/2023 Seħer l-Istejjer Monday Sessions at Xewkija Library korrispondenza lil Ms.Scicluna mingħand is-Segretarju Eżekuttiva.

62.9.19 21/11/2023 Cir AKL 2023/107_Family Fun Fair għat-tfal tal-Kunsilliera u Ħaddiema tal-Kunsilli Reġjonali u Lokali.

62.9.20 21/11/2023 Minuti 60 & 61_Skeda tal-Pagamenti.

62.9.21 21/11/2023 Sponsor for a Christmas Activity mill-Iskola Primarja. Korrispondenza mingħand il-Kap tal-Iskola Primarja fejn talbet l-għajnuna finanzjarja għall-Attivita tal-Milied.

62.9.22 21/11/2023 Cir AKL 2023/108_Stedina minn The Malta Foundation for the Wellbeing of Society 06.12.2023.

62.9.23 21/11/2023 Cir AKL 2023/106_Kunsilli Reġjonali tat-Tfal 22/11/2023.

62.9.24 21/11/2023 Cir AKL 2023/109_Christmas Get Together 16/12/2023.

JS mc

62.9.25 21/11/2023 Cir AKL 2023/105 Polza tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa 2024.

62.9.26 21/11/2023 Cir AKL 2023/096_Back to basics – giving attention to the simplest a and most important matters 25/11/2023.

62.9.27 Talba biex isir tabella tan-No Parking quddiem il-passaġġ li minn Triq Santa Marija għal Triq Sant'Indrija għax qed ikun hemm parkeġġ fl-entratura li jagħlaq il-passaġġ. Il-Kunsill qabel li jmexxi b'din it-talba.

62.9.28 Talba biex titneħħa il-parking tad-disabled quddiem 56, Triq San Bert għax minn kien jagħmel użu minnha m'għadux residenti hemm. Il-Kunsill qabel li mmexxu b'din it-talba ma Transport Malta.

62.9.29 Talba biex titneħħa l-bus stop li hemm ma' 142, Triq San Bert minħabba problema ta' parkeġġ mir-residenti stess. Il-Kunsill waqt li ma sab l-ebda problema biex din titneħħa ma sab l-ebda alternattiva fejn din il-bus stop għandha titpoġġa minflok. It-talba kellha tintbagħat lil TM xorta waħda.

62.9.30 Talba biex il-bozza li hemm fit-Tarf ta' Triq San Gwann minn naħa ta' Triq Ħamrija tersaq iktar lejn Triq Ħamrija. Il-Kunsill iddiskuta li għadu jistenna l-istima biex jiżdied il-wattage tal-bozoz fi Triq Il-Ħamrija.

62.9.31 Talba minn 3 persuni li jixtiequ jarmaw stand kull wieħed fil-monti. Il-Kunsill qabel li hemm wisa' fejn dawn jistgħu jarmaw.

62.9.32 Ilment rigward ħmieġ ta' terrapien u ħitan imwaqqa' fi Sqaq Nru 1, Triq Santa Katerina.

62.9.33 Talba mis-Sur Noel Azzopardi li għandu post Triq Sansun biex Bozza 395 jiqsarilha t-tul tal-kanna tagħha għax qed twassal sal-post tiegħu peress li hija dejqa. Din il-bozza hija 'wall mounted' u ssir , hu qed jagħmel din it-talba biex ma ssirilhiex ħsara waqt li jkun jaħdem fil-post tiegħu. Din it-talba ġiet approvata mill-Kunsill.

62.9.34 Diversi ilmenti fuq il-ħmieġ fil-biċċa ta' ġewwa ta' Triq L-Arċipriet Ġużepp Grech. Il-Kunsill qabel li ssir tabella.

## 62.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskeda ta' Pagamenti

62.10.1 Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill li kienet intbagħtet mal-Aġenda għall-attenzjoni tal-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

HS

**62.11 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss**

62.11.1 Il-laqgħa ntemmet fit-19.45. Is-Sindku aġġorna l-laqgħa sine die.

Hubert Saliba

Sindku

Marion Attard

Segretarju Eżekuttiv